MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 192/2009

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewgu fit-2 ta' Settembru 2000, u minn dan iz-zwieg ghandhom tifla bl-isem ta' D E; li l-hajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibbli minhabba ingurji gravi, aldulterju, sevizzi u theddid da parti tal-konvenuta, kif ukoll minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment; li l-attur ottjena d-debita awtorizzazzjoni sabiex jippromwovi l-istanza odjerna; li ghalhekk il-konvenut ghandu jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex: [1] tippronunza s-separazzjoni personali bejn il-konjugi B minhabba htijiet tal-konvenuta; [2] takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri D E lill-attur; [3] tikkundanna lill-konvenuta thallas manteniment ghall-attur

u/jew ghall-minuri; [4] tordna lill-konvenuta thallas somma kapitali bhala manteniment ghall-attur jew tassenjalu drittjiet reali fuq id-dar matrimonjali; [5] ixxolji u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet u taqsamha bejn il-partijiet okkorrendo permezz ta' perit, nutar u kuratur sabiex jirraprezenta l-kontumaci, tenut kont tat-tortijiet komessi mill-konvenuta; [6] tillikwida u tordna lill-konvenuta tirrifondi lill-attur is-sommom illi huwa avvanza u hallas fl-intier taghhom wahdu rappresentanti djun tal-komunjoni ta' l-akkwisti; [7] tikkundanna lill-konvenuta tirritorna l-assi parafernali kollha ta' l-attur; [8] tordna liz-zgumbrament tal-konvenuta mid-dar matrimonjali u tawtorizza lill-attur jghix fiha ad eskluzjoni tal-konvenuta; [9] tapplika kontra l-intimata interament jew in parti is-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikoli 48 u/jew 50 sa 55 tal-Kodici Civili.

Rat li r-risposta guramentata tal-konvenuta li permezz taghha eccepiet illi [1] taqbel ma' l-ewwel talba izda minhabba ragunjiet imputabbli lill-attur stante eccessi u sevizzi da parti ta' l-attur fil-konfront ta' l-attrici; [2] illi t-tieni talba ghandha tigi michud stante l-fatt li l-attur mhux idoneu li jkollu l-kura u l-kustodja tal-minuri D; [3] it-tielet u r-raba' talba ghandha tigi michuda minhabba t-tieni eccezzjoni u minhabba l-fatt li l-konvenuta m'ghandhiex mezzi peress li ma tahdimx; [4] taqbel mal-hames talba limitatament billi dina tinqasam f'zewg porzjonijiet minghajr ma jitnaqqas xejn minn sehmha; [5] is-sitt talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda; [6] is-seba' talba hija nfondata u m'hemm xejn parafernali li ghandu jigi ritornat; [7] it-tmien talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt; [8] it-tmien talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress li l-htija tat-tifriek taz-zwieg m'hijiex tal-konvenuta; [9] m'ghandhiex tbati l-ispejjez il-konvenuta peress li t-talba attrici hija wahda vessatorja u inutili u li l-attur ma riedx jasal ghal ftehim bonarju.

Rat id-digriet moghti fl-udjenza tas-7 ta' Ottubru 2009 li permezz tieghu din il-Qorti ordnat li l-kawza odjerna timxi kontestwalment mal-kawza numru 184/09NC fl-ismijiet inversi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat is-sentenza datata 8 ta' Mejju 2012 fejn gie akkordat il-konverzjoni minn talba ghal separazzjoni personali ghal dik ta' divorzju a tenur ta' l-Artikolu 66B tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali, tort tal-konvenuta ghal ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni. Illi permezz ta' sentenza moghtija fit-8 ta' Mejju 2012 dawn il-proceduri gew konvertiti minn proceduri ta' separazzjoni ghal proceduri ta' divorzju.

Illi l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza taghha moghtija llum fil-kawza numru 184/09NC fl-ismijiet "C B f'isimha proprio u f'isem bintha l-minuri D E B vs A B" u taddotta fl-intier taghhom il-konsiderazzjonijiet hemm maghmula u l-konkluzjonijiet raggjunti.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet izda bi htija primarja tal-attur, u dik sekondarja tal-konvenuta;
[2] tilqa' t-tieni talba fis-sens gja deciz fil-kawza fuq indikata;
[3] tichad it-tielet talba;
[4] tichad ir-raba' talba;
[5]tilqa' l-hames talba fis-sens gja deciz fil-kawza fuq indikata;
[6]tilqa' s-sitt talba limitatament fis-sens gja deciz fil-kawza fuq indikata u cjoe fil-konfront biss tad-dejn fuq il-vettura Vitz;
[7] tichad is-seba' talba stante l-fatt li ma ngabux provi dwar dan;
[8] tichad it-tmien talba;

[9] tilqa’ id-disa’ talba fis-sens gja deciz fil-kawza fuq indikata.

L-ispejjez ikunu a kariku taz-zewg partijiet, in kwantu ghal zewg terzi [2/3] a kariku ta’ l-attur, u r-rimanenti terz [1/3] jibqa’ a kariku ta’ l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------